31978D0897

10.11.1978 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 316/21

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-30 ta' Ottubru 1978

## dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank għall-Soluzzjonijiet Internazzjonali dwar il-mobilizzazzjoni ta' talbiet miżmumin minn Stati Membri taħt l-arranġamenti dwar l-għajnuna finanzjarja f'terminu medju

(78/897/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 71/143/KEE tat-22 ta' Marzu 1971 li tistabbilixxi l-makkinarju għall-għajnuna finanzjarja f'terminu medju ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 78/49/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikoli 1 u 4 tagħha,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Monetarju tat-28 ta' Frar 1978,

Billi d-Deċiżjoni 78/49/KEE tipprovdi, fil-każijiet fejn Stat Membru wieħed jew aktar li huma kredituri taħt is-sistema ta' l-għajnuna finanzjarja f'terminu medju jkollhom diffikultajiet jew ikunu mhedda serjament b'diffikultajiet rigward il-bilanċ tal-pagamenti tagħhom, għall-mobilizzazzjoni tat-talbiet miżmuma minn dak l-Istat jew Stati; billi kienet ipprovdiet illi l-mobilizzazzjoni tat-talbiet setgħet titwettaq *inter alia* bil-finanzjament mill-ġdid minn barra s-sistema, jew b'azzjoni mill-Istati Membri flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, jew permezz ta' ftehim ma' dawk l-organizzazzjonijiet;

Billi l-Bank għal Soluzzjonijiet Internazzjonali hu l-organizzazzjoni kapaċi li tipprovdi dak il-finanzjament mill-ġdid,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Bank għalSoluzzjonijiet Internazzjonali dwar il-mobilizzazzjoni ta' talbiet miżmuma minn Stati Membri taħt l-arranġamenti għall-għajnuna finanzjarja b'terminu medju hu b'dan approvat f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-Ftehim hu anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill hu b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa tiffirma il-Ftehim biex torbot il-Komunità.

Magħmul fil-Lussemburgu, t-30 ta' Ottubru 1978.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. ERTL

([1]) ĠU L 73, tas-27.3.1971, p. 15.
([2]) ĠU L 14, tat-18.1.1978, p. 14.